il-Gżejjer

IS-SEBA' SENA | MEJJU 1978 | NRU. 81

# IL-VIĊI-PRESIDENT TA' L-IRAQ JAGĦMEL ŻJARA F'MALTA



L-Eċċellenza Tiegħu M. Taha Moheddin Ma' Rouf, Viċi-President tar-Repubblika ta' l-Iraq, wasal Malta nhar il-Ħadd 7 ta' Mejju għal żjara uffiċjali ta' jumejn. L-għada, it-Tnejn 8 ta' Mejju, huwa kellu taħditiet mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff fil-Berġa ta' Kastilja. (ritratt).

Il-membri l-oħra tad-delegazzjoni Maltija li ħadu sehem f'dawn it-taħditiet kienu l-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, Dr. J. Cassar, il-Ministru tal-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela, l-Avukat tar-Repubblika, Dr. Edgar Mizzi, l-Ambaxxatur is-Sur Joe Forace u s-Sur Salvu Deguara, Segretarju Privat tal-Prim Ministru.

Il-Viċi-President ta' l-Iraq kellu miegħu lill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Dr. Sadoon Hammadi u membri oħra tad-delegazzjoni.

*Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, s-Sinjorina Agatha Barbara, dan l-aħħar żaret it-Tuneżija fejn attendiet għall-*

# KONFERENZA TAL-MINISTRI TAX-XOGĦOL TAL-PAJJIŻI MHUX ALLINEATI U DAWK LI QED JIŻVILUPPAW

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, attendiet għal-ewwel Konferenza tal-Ministri tax-Xogħol, tal-Pajjiżi Mhux Allineati u dawk li qed jiżviluppaw, li saret ġewwa Tuneż mill-24 sas-26 ta' April, 1978.

**Wara r-reġistrazzjoni tad-Delegati, l-Konferenza ġiet indirizzata mill-Prim Ministru tat-Tuneżija, is-Sur Hedi Nouria, mic-Chairman tal-Pajjiżi Mhux Allineati, is-Sur Winalasena tas-Sri Lanka, u mid-Direttur Ġenerali tal-I.L.O., is-Sur Francis Blanchard u mir-rappreżentant tal-United Nations Development Programme u tal-African Labour Organisation.**

Għal din l-ewwel Konferenza tal-Ministri tax-Xogħol tal-Pajjiżi Mhux Allineati attendew rappreżentanti minn 75 pajjiż u fosthom kien hemm 55 Ministru.

**Meta inbeda x-xogħol tal-Konferenza, il-Ministru tax-Xogħol ta' Tuneż, is-Sur Jomaa fid-diskors tiegħu rrimarka li d-deċiżjonijiet li kienu ser jittieħdu wara d-diskussjonijiet fil-Konferenza bla dubju kienu ser jikkontribwixxu biex tiġi stabbilita "Ordni Internazzjonali Ekonomika u Soċjali Ġdida" li tistabilixxi programm ta' azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet li ttieħdu fil-Konferenza Dinjija tax-Xogħol biex b'hekk ikun hemm l-akbar ko-operazzjoni f'dak kollu li jirrigwardja l-problemi tax-xogħol.**

Iż-żewġ kumitati li nħatru biex jagħmlu dan ix-xogħol ippreżentaw ir-rapporti tagħhom lill-Konferenza u finalment il-Konferenza aċċettat "Il-Programm ta' Azzjoni" biex jiġi sottomess lill-Konferenza tal-Bureau tal-Pajjiżi ta' Ko-Ordinazzjoni ta' dan ix-xahar f'Afghanistan, lil-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi Mhux Allineati li ser issir f'Belgrade f'Lulju 1978 u wkoll il-Konferenza irrakkomandat is-sottomissjoni ta' dan il-Programm ta' Azzjoni lis-Sitt Laqgħa Għolja tal-Konferenza tal-Pajjiżi Mhux Allineati bil-ħsieb li r-rakkomandazzjonijiet li saru jiġu addottati.

**Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara waqt il-Konferenza ħadet ukoll l-opportunita biex tiddiskuti problemi li jolqtu lil Malta ma diversi Ministri u rappreżentanti tal-Pajjiżi Mhux Allineati fosthom il-Ministru tax-Xogħol is-Sur Mohammed Jomaa ta' Tuneż; is-Sur Mohammed Taher El Mahgoub tal-Libya; is-Sur Pepouski Svetoral tal-Yugoslavia u d-delegat ewlieni tas-Sri Lanka is-Sur N. Wimalasena. Ma diversi rappreżentanti oħrajn il-Ministru Barbara kellha wkoll diskussjonijiet fuq ix-xogħol li jikkonċerna lil Malta waqt il-Konferenza ta' l-I.L.O. li għandha ssir f'Ġunju li ġej.**



*Il-Ministru Barbara mal-Ministru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali tat-Tuneżija, Mohammed Jomaa.*

F'ikla li saret fil-Lukanda Tunis Hilton nhar l-Erbgħa 26 ta' April 1978 li għaliha attendew aktar minn 500, bejn Ministri, Delegati u V.I.P.'s oħra, il-Ministru Agatha Barbara ġiet mgħotija il-post ta' l-unur, flimkien ma' Mr Mohammed Jomaa, Ministru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali tat-Tuneżija, mossa ta' ġieħ għal Malta min-naħa tat-Tuneżija.

Għal din il-Konferenza ta' Tuneż attendew ukoll is-Sur F. S. Carbone, Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni u s-Sur Joe Attard, Assistent Segretarju Prinċipali fil-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura.

MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT

# PROGRAMM KBIR TA' TOROQ ĠODDA

**FIL-BELT VALLETTA**

Wara d-deċiżjoni tal-Gvern li jibdel in-Knighstall f'Ċentru għal Konferenzi Internazzjonali, inħasset il-ħtieġa li ssir triq ġdida u moderna li mill-inħawi tad-Dwana twassal sa taħt il-Barrakka t'Isfel.

**Din it-triq ġdida hi meħtieġa minħabba l-fatt li t-traffiku, fil-preżent, qed ikollu juża t-triq dejqa li minn Victoria Gate twassal sa quddiem il-Barrakka t'Isfel.**

Ix-xogħol fuq din it-Triq il-ġdida issa beda. Meta din tkun lesta, it-triq tkun tibda mill-livell baxx fl-inħawi tal-Pixkerija u tibqa' tgħaddi f'livell dejjem ogħla sakemm tasal mat-triq eżistenti ta' quddiem in-Knightshall. Din it-Triq totalment ġdida tkun twila madwar 1,000 metru u wiesgħa 7.5 metru.

**Dan il-proġett kollu, jinvolvi t-tneħħija ta' 12,000 metru kubu ta' blat u materjal, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' ħitan kbar. Ix-xogħol qiegħed isir bil-għajnuna tal-Mechanical Division tal-Missjoni Militari Taljana.**

**FL-ISLA**

Hawnhekk ukoll qed isir proġett kbir li jinvolvi kostruzzjoni ta' triq twila 700 metru u wiesgħa 8 metri. L-ispazju taħt din it-triq minflok jintradam, sejjer jintuża bħala imħażen, u t-Tarzna ta' Malta sejra tuża l-inħawi ta' wara l-Old Sail Loft Building. Parti mill-Maċina sejra tiġi mwaqqa' sabiex wara terġa' tinbena biex tipprovdi spazju biżżejjed għall-karozzi u vetturi oħra, biex dawn ikunu jistgħu jaslu sax-xatt ta' l-Isla dirett minn Triq San Pawl.

**F'BORMLA**

**Il-Proġett ta' Bormla hu maħsub li jipprovdi spazju aktar u aċċess aħjar għax-xatt ta' Bormla lir-residenti ta' dan il-lokal. Fl-istess ħin, il-proġett sejjer iservi wkoll bħala mezz ta' aċċess lill-inħawi fil-qrib tal-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu fejn għad jista' jsir żvilupp jew użu ġdid tax-xatt li bħalissa qed jintuża mis-Servizzi Ingliżi; fejn hu normalment magħruf bħala "Garden Reach".**

Il-proġett ta' Bormla jinvolvi triq ta' 600 metru b'wisgħa ta' 14-il metru. Il-ħajt għoli ta' l-Electrical Workshops tat-Tarzna diġà tneħħa u qed jinbena ieħor baxx u aktar 'l ġewwa biex titwessa t-triq.

**Ta min isemmi li l-proġetti kollha li semmejna kienu imħabbra għall-ewwel darba mill-Prim Ministru, s-Sur Dom Mintoff fix-xandira tiegħu lin-Nazzjon ta' l-aħħar tas-sena.**

Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, kien ukoll irrefera għal dawn il-proġetti fix-xandira Ministerjali ta' dan l-aħħar.

**FIL-MARSA**

Sadanittant, il-Ministru Sant, għadu kemm ħabbar proġett kbir ieħor tal-Gvern. Dan jinvolvi **Tqassim Ġdid tat-Traffiku fil-Marsa.**

Kemm ilha li ġiet magħluqa Jetties Wharf, il-Marsa minħabba l-bini tal-Baċir il-ġdid, deher biċ-ċar li Triq it-Tromba ma setgħetx tlaħħaq mal-volum kbir ta' traffiku li bilfors kellu jgħaddi minnha.

**Minħabba f'hekk il-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport taħt il-Ministru Lorry Sant ħaseb biex itejjeb is-sistema kollha tat-traffiku li tgħaddi minn dawk in-naħiet preċiżament bejn is-Salib tal-Marsa u Triq Gużeppe Garibaldi, u miċ-Ċimiterju tat-Torok sa Vjal Sir Paul Boffa.**

F'din l-iskema t-traffiku se jkun kollu kemm hu ċirkulari, jiġifieri dejjem jimxi f'direzzjoni waħda kemm meta jkun sejjer lejn l-Belt kif ukoll meta jkun ġej min-naħa tal-Belt. Inħasset għaldaqstant il-ħtieġa li tinbena triq kompletament ġdida ma' ġenb dik eżistenti (Triq it-Tromba). Din se tkun tieħu fiha erba' karreġġjati tat-traffiku lejn il-Marsa filwaqt li dik eżistenti tispiċċa minn kif inhi issa u ssir erba' karreġġjati kollha jagħtu għall-Belt.

Għat-traffiku li jkun ġej minn Triq Giuseppe Garibaldi se tibda tintuża t-Triq li tgħaddi mill-qasam industrijali li f'direzzjoni waħda taqbad ma' Triq it-Tromba lejn il-Belt. Mill-Banda l-oħra t-traffiku li jkun ġej mit-Triq Diċembru 13 u jkun irid idur lura lejn il-Belt juża triq ġdida li ddur mal-fabbrika ta' Bezzina u terġa' tingħaqad ma' Triq Diċembru 13.

**Biex issir is-sistema l-ġdida total ta' 1,000 metru tul ta' toroq ġodda huma meħtieġa, filwaqt li l-wisgħa se jkun ta' tlettax il-metru. Ix-xogħol jikkonsisti fit-tneħħija ta' 10,000 metru kubu ta' materjal u trasportazzjoni u twittija ta' madwar 37,500 metru kubu ta' materjal.**

Ix-xogħol qiegħed isir mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bil-għajnuna tal-Missjoni Militari Taljana. Il-perit inkarigat mix-xogħol huwa s-Sur J. Calleja A.&CE, C. Eng. MICE.

# IL-KOPERATTIVI F'MALTA

***Il-prinċipji tas-sistema koperattiv fil-Gżejjer Maltin ġew applikati għall-ewwel darba fost il-bdiewa tagħna meta gruppi ta' bdiewa minn diversi distretti bdew jingħaqdu bejniethom biex jiffurmaw għaqdiet żgħar ta' koperattivi fl-irħula tagħhom. Dan wassal biex fit-12 ta' Ġunju, 1946, il-Gvern għadda liġi dwar l-Għaqdiet Koperattivi. Matul l-ewwel snin dan il-moviment ġdid deher li se jaqbad sew billi ħaddan mhux biss bdiewa imma wkoll ħajjata u konsumaturi. Fi żmien l-ewwel tliet snin diġa' kienu ġew reġistrati sbatax-il Għaqda Koperattiva.***

**Iżda sfortunatament, mal-mogħdija taż-żmien, din l-ispinta inizjali bdiet tmajna bir-riżultat li f'Jannar, 1975 il-Gvern għamel emendi fil-Liġi oriġinali, li kienu jinkludu it-twaqqif ta' Bord ta' l-Għaqdiet Koperattivi bil-kompitu li jkollu kontroll fuq dawn l-għaqdiet u jagħti pariri lill-Ministru dwar kif il-moviment koperattiv jista' jissaħħaħ u jespandi.**

L-ewwel biċċa xogħol tal-Bord kienet li jifli l-qagħda li kienet fiha kull għaqda individwali u jara jekk kienetx qed tosserva r-regolamenti u l-Liġi. Ġiet miġbura l-informazzjoni mingħand l-istess għaqdiet biex b'hekk setgħet tingħata attenzjoni partikulari għall-problemi li kienet qed tħabbat wiċċha magħhom kull għaqda.

**Il-lista ta' l-Għaqdiet Koperattivi reġistrati fil-Gżejjer Maltin ġiet aġġornata mill-istess Bord. L-aħħar għaqda li ġiet reġistrata kienet f'Ottubru tas-sena l-oħra meta 218-il bidwi mid-distrett tal-Mellieħa daħlu membri u ingħaqdu biex jiffurmaw Koperattiva oħra fl-Agrikoltura. Fil-preżent, in-numru ta' għaqdiet reġistrati u li huma attivi ilaħħaq għoxrin li bejniethom għandhom 3,051 membru.**

L-attivitajiet ta' dawn l-Għaqdiet huma diversi u jinkludu t-tkabbir u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli, il-produzzjoni tal-ħalib, produzzjoni ta' l-inbid, produzzjoni tal-majjal, sajd, xogħol ta' tagħbija u ħatt, proċessar tat-tadam, produzzjoni ta' ikel għall-annimali u l-importazzjoni ta' ċereali, żerriegħa, kemikali, fertilizzanti u għodod agrikoli. Koperattiva oħra żgħira għandha bħala l-għan tagħha t-twaqqif ta' għaqda ta' konsumaturi.

### FAĊILITAJIET TA' KREDITU

In-nuqqas f'Malta ta' 'Bank tal-Koperattivi' jew 'Koperattivi li jagħtu Kreditu' biex dawn jipprovdu self ta' flus skond il-ħtiġiet tal-membri u wkoll biex jiffinanzjaw proġetti li jidħlu għalihom il-Koperattivi, kien ta' tfixkil biex il-Moviment tal-Koperattivi jkun jista' jikber u jinfirex.

**B'riżultat ta' dan in-nuqqas il-Koperattivi kellhom bilfors iserrħu sew fuq l-għajnuna tal-Gvern. Minħabba f'hekk u biex tiġi żgurata l-espansjoni ekonomika tal-produzzjoni, il-Bord tas-Soċjetajiet Koperattivi, minbarra li jagħti lill-Koperattivi, pariri u għajnuna klerikali u amministrattiva, fl-istess ħin jagħmel ir-rikmandazzjonijiet lill-Gvern f'dik li hija għajnuna finanzjarja.**

### GĦAJNUNA MILL-GVERN

Fis-sena 1974 l-għajnuna tal-Gvern lill-Għaqdiet Koperattivi għall-bini ta' postijiet u x-xiri ta' apparat laħqet is-somma ta' £M20,000 u f'Marzu ta' l-1976 saret għotja oħra ta' aktar minn £M17,000.

**Fl-1976 il-Gvern ipprovda lil-koperattivi self b'total ta' £M61,300 mingħajr imgħax biex jinxtara t-tadam u l-ixka għall-pixxispad.**

**Fil-każ tal-Farmers' Central Cooperative Society Limited il-Gvern ikkontribwixxa total ta' aktar minn £M69,500 tul dawn l-aħħar erba' snin. Koperattivi oħra bbenefikaw billi l-Gvern ipprovdilhom mpjegati minn tiegħu biex jgħinuhom.**

(ikompli →)

*Il-Ministru tal-Industrija, Sajd u Biedja, s-Sur Danny Cremona jkellem membri tal-Koperattivi lokali.*



## inti u l-liġi

*Raġel u mara miżżewġin għamlu testment "Unica charta" fejn ħallew lil xulxin eredi universali. Tfal ma kellhomx. Miet ir-raġel. Omm ir-raġel kienet għadha ħajja meta dan miet. L-omm għandha dritt għal-leġittma?*

Jekk ir-raġel miet qabel l-ewwel ta' Jannar, 1973, l-omm għandha dritt għal-leġittma, jiġifieri terz tal-ġid tal-mejjet. Jekk miet wara dik id-data, l-omm m'għandhiex dritt għal-leġittma minħabba l-emenda mdaħħla fl-artikolu 656 bl-att 46 tal-1973.

*Meta fil-familja jkun baqa' żewġt aħwa mhux miżżewġin, kif jaqbel li jagħmlu testment?*

L-ewwel nett dawn iż-żewġt aħwa għandhom jaħsbu f'xulxin. Kull wieħed minnhom jagħmel testment fejn jinnomina l-ieħor eredi universali, jiġifieri A jagħmel testment fejn jinnomina eredi lil ħuh (jew oħtu) B, u B jagħmel testment fejn iħalli l-wirt tiegħu lil ħuh (jew oħtu) A. Barra minn hekk, iridu jaħsbu x'se jsir mill-ġid wara l-mewt tat-tnejn. Issa nagħmlu mod li A u B jaqblu li wara mewthom ġidhom għandu jaqa' fuq C, (li jista' jkun membru tal-familja tagħhom jew anki xi ħadd barrani, peress li min ma jħallix warajh la axxendenti jew ġenituri u anqas dixxendenti jew ulied jista' jħalli ġidu lil min irid). Allura A jħalli werriet lil B jew, fil-każ li B jmut qablu, lil C; u bl-istess mod B jħalli werriet lil A, u fil-każ li A jkun miet qablu, lil C. Wara li jkunu ħasbu f'min se jkun il-werriet, dawn l-aħwa jistgħu imbagħad fl-istess testment, iħallu xi legati ta' flus, jew oġġetti mobbli, jew deheb, jew beni immobbli (bini jew art) lil xi persuni jew lil xi opra ta' benefiċenza bħal karità, missjonijiet, eċċ.

Tkun ħaġa tajba li dawn iż-żewġt aħwa jinnominaw ukoll esekutur testamentarju biex jieħu ħsieb li x-xewqat tagħhom jitwettqu.

**Id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni jixtieq jgħarraf illi ma jistax jidħol f'korrispondenza mal-qarrejja f'dak li jirrigwardja mistoqsijiet u tweġibiet fil-kolonna "Inti u l-Liġi".**

## Messaġġi ta' Kondoljanzi

Wara l-mewt traġika tas-Senatur Aldo Moro, il-President tar-Repubblika ta' Malta Anton Buttigieg bagħat messaġġ lill-Eċċellenza Tiegħu Giovanni Leone, President tar-Repubblika ta' l-Italja:

**"Il-poplu Malti huwa imnikket profondament għall-ħruxija kbira li twettqet bl-assassinju krudil ta' Aldo Moro ħabib kbir ta' Malta. F'din is-siegħa ta' niket u tensjoni mill-akbar inwegħdu solidarjetà mal-poplu Taljan.**

**Moro mejjet illum diġà qam fil-qlub tat-Taljani bħala eroj tal-libertà, taddemokrazija u tad-difiża ta' l-Ewwel Repubblika Taljana."**

* * *

Il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff ukoll bagħat mesaġġ ta' kondoljanzi lill-Onor. Guilio Andreotti, President tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-Italja:

**"Għada, l-bnadar kollha ma Malta u Għawdex jittelgħu mezz'asta bħala turija ta' sogħba għall-mewt f'ċirkustanzi l-aktar traġiċi ta' l-iktar statista uman u demokratiku fl-Italja. Il-Maltin jibqgħu jiftakruh bħala ħabib lejali li dejjem ta l-għajnuna u l-appoġġ sħiħ tiegħu lil Malta newtrali dedikata għall-kawża tal-paċi u għaqda fost il-pajjiżi kollha tal-Mediterran. Nitolbuk twassal is-sogħba sinċiera tagħna lill-familja tiegħu u lil ħafna ħbieb tiegħu fost il-partiti demokratiċi kollha."**

# IL-KOPERATTIVI F'MALTA

(*ikompli mal-paġna ta' qabel*)

**PJAN**

Il-policy tal-Gvern hija li jgħin u jiżviluppa l-għaqdiet kooperattivi li min-naħa tagħhom ikunu jridu jagħtu sehem akbar fl-ispinta biex tiżdied il-produzzjoni.

Biex jintlaħaq dan il-għan huwa xogħol il-Bord li jsaħħaħ il-moviment tal-Koperattivi u jara li dan jinfirex f'setturi ġodda ta' l-ekonomija. Iżda din il-ħidma tisfa fix-xejn jekk kemm il-produtturi kif ukoll il-konsumaturi ma jkunux konvinti mill-benefiċċji li jinkisbu permezz ta' koperazzjoni attiva. Biex tkompli titnissel u tikber din il-konvinzjoni jinħtieġ tagħlim akbar u tagħrif prattiku.

**RIFORMI**

Sabiex tiġi aġġornata l-Ordinanza ta' l-1946 bl-iskop li l-liġi tiġi adattata għall-ħtiġiet tal-lum, il-Gvern irnexxielu jakkwista s-servizzi ta' espert Ġermaniż magħruf fil-qasam tal-leġislazzjoni dwar il-Koperattivi. Wara ħafna xogħol ta' preparazzjoni il-Gvern ressaq abbozz ta' Liġi dwar il-Koperattivi li meta jgħaddi jkun magħruf bħala l-Att ta' l-1978 dwar Għaqdiet Koperattivi.

**L-għan ewlieni ta' din il-liġi hu li jitħaffef li żvilupp u t-tkattir tal-għaqdiet koperattivi f'Malta u f'Għawdex billi tikkontempla li kull għaqda li teżisti, kif ukoll kull għaqda li tinħoloq, ikollha bażi aktar soda, tmexxija serja u kapaċi, u ħarsien għaqli li jwassluha għat-twettiq ta li skopijiet tagħha.**

# MALTA TAQLEB GĦAS-SISTEMA METRIKA

**1 m = 100 cm = 1 000 mm**

## PREZZ BIL-METRU MQABBEL MA' DAK BIL-JARDA SA L-EQREB 5 MILLEŻMI

| Kull METRU per metre | Kull JARDA per yard | Kull METRU per metre | Kull JARDA per yard | Kull METRU per metre | Kull JARDA per yard |
|---|---|---|---|---|---|
| 1c | 1c | 12c | 11c | 50c | 45c5 |
| 2c | 2c | 13c | 12c | 60c | 55c |
| 3c | 2c5 | 14c | 13c | 70c | 64c |
| 4c | 3c5 | 15c | 13c5 | 80c | 73c |
| 5c | 4c5 | 16c | 14c5 | 90c | 82c5 |
| 6c | 5c5 | 17c | 15c5 | £M1 | 91c5 |
| 7c | 6c5 | 18c | 16c5 | £M2 | £M1.83c0 |
| 8c | 7c5 | 19c | 17c5 | £M3 | £M2.74c5 |
| 9c | 8c | 20c | 18c5 | £M4 | £M3.66c0 |
| 10c | 9c | 30c | 27c5 | £M5 | £M4.57c0 |
| 11c | 10c | 40c | 36c5 | | |

- Il-metru huwa bejn wieħed u ieħor, għaxra fil-mija jew 3 pulzieri itwal minn jarda.
- Ma hemmx għalfejn tixtri aktar milli teħtieġ. Tista' tixtri l-istess tul tas-soltu bl-istess prezz.
- Jekk ma tafx kemm il-metru teħtieġ ara din it-tabella.
- Qis dejjem bil-metri.

## JARDI MQABBLA MA' METRI

| JARDI Yards | METRI Metres |
|---|---|
| $\frac{1}{4}$ | 0.25 |
| $\frac{1}{2}$ | 0.45 |
| $\frac{3}{4}$ | 0.70 |
| 1 | 0.90 |
| $1\frac{1}{4}$ | 1.15 |
| $1\frac{1}{2}$ | 1.35 |
| $1\frac{3}{4}$ | 1.60 |
| 2 | 1.85 |
| $2\frac{1}{4}$ | 2.05 |
| $2\frac{1}{2}$ | 2.30 |
| $2\frac{3}{4}$ | 2.50 |
| 3 | 2.75 |
| $3\frac{1}{4}$ | 2.95 |
| $3\frac{1}{2}$ | 3.20 |
| $3\frac{3}{4}$ | 3.45 |
| 4 | 3.65 |
| $4\frac{1}{4}$ | 3.90 |
| $4\frac{1}{2}$ | 4.10 |
| $4\frac{3}{4}$ | 4.35 |
| 5 | 4.55 |

## ĊENTIMETRI MQABBLA MA' PULZIERI

| ĊENTIMETRI Centimetres | PULZIERI Inches |
|---|---|
| 51 | 20 |
| 53 | 21 |
| 56 | 22 |
| 58 | 23 |
| 61 | 24 |
| 64 | 25 |
| 66 | 26 |
| 69 | 27 |
| 71 | 28 |
| 74 | 29 |
| 76 | 30 |
| 79 | 31 |
| 81 | 32 |
| 84 | 33 |
| 86 | 34 |
| 89 | 35 |
| 91 | 36 |
| 94 | 37 |
| 97 | 38 |
| 99 | 39 |
| 102 | 40 |
| 104 | 41 |
| 107 | 42 |
| 109 | 43 |
| 112 | 44 |

# Paġna għan-Nisa

## NURU ATTENZJONI AKBAR

Illum huwa fatt magħruf li l-isforzi kbar tal-Gvern biex il-familji tal-ħaddiema jkollhom post xieraq fejn igħixu bdew iħallu l-frott u bosta huma dawk li ngħataw dar jew flat fejn ikunu jistgħu jgħammru f'ambjent sabiħ u nadif.

**Din il-kampanja intensiva għal aktar djar għall-poplu, l-aktar biex l-għarajjes u l-familji kbar ikollhom opportunitajiet aħjar, kellha s-suċċess mixtieq. Inbnew u qed jinbnew mijiet ta' djar u flats ġodda kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.**

Il-bosta oqsma tad-djar li nbnew jew qed jinbnew illum fihom għaxqa tarahom — bini modern u attrezzat b'dawk il-faċilitajiet moderni kollha li titlob il-ħajja tal-lum, it-toroq ippjanati, l-imsaġar u l-arja tal-post magħżul biex isir villaġġ ċkejken tal-ħaddiema.

**Iżda għalkemm il-maġġoranza llum fehmu l-ħtieġa li dawn l-oqsma jinżammu fl-istat sabiħ u nadif li ngħataw, għad baqa' xi wħud fostna li għadhom ma fehmux din l-importanza.**

Ngħidu aħna għadek issib xi familji li baqgħu jippersistu b'fehmiet u użanzi li ma jgħoddux għal dawn il-postijiet ġodda tal-Gvern, bir-riżultat li dawk li jippruvaw jimxu mal-ħtiġijiet moderni jsibu tfixkil bla bżonn.

L-eżempji huma ħafna. Ngħidu aħna huwa fatt magħruf li l-ebda familja ma tista' żżomm kelb jew qattus ġewwa flat tal-Gvern, iżda xi wħud bħal donnhom jinsew li huma ffirmaw dikjarazzjoni f'dan is-sens meta ngħataw iċ-ċwievet mill-awtoritajiet.

Eżempju ieħor huwa ta' dawk l-uħud li jaqbdu u jiżbgħu il-bibien jew it-twieqi tad-djar jew flats biex iħassru l-armonji kollha tal-bini sabiħ li jkunu jgħixu fih. Dan ukoll imur kontra l-istess regolamenti u ħafna drabi jkollha tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet konċernati.

**Imbagħad hemm l-użanza misħuta ta' oħrajn li jonxru fil-galleriji u t-twieqi meta l-Gvern ikun tahom postijiet xierqa bil-bejt b'kollox fejn huma jkunu jistgħu jonxru l-ħasla tagħhom ta' kull ġimgħa. Din il-persistenza ta' xi wħud li kuntenti jħassru d-dehra ta' l-ambjent fil-qasam tad-djar tagħhom biex ma jitilgħux ftit taraġ teħtieġ li tinqata' darba għal dejjem. Huwa kollu minnu li l-maġġoranza tar-residenti fl-oqsma tad-djar ma jagħmlux dan l-iżball, iżda jridu jkunu huma li jagħmlu r-rapporti lill-awtoritajiet dwar każi persistenti bħal dawn. Dan huwa dmir ċivili tagħna li m'għandniex naħarbuh.**

Irridu nuru attenzjoni akbar f'ħafna affarijiet bħal dawn. Xi nisa tad-dar għadhom ma fehmux ukoll li mhux sewwa jarmu l-ilma tal-ħasil ta' l-art mit-toqob tal-galleriji. Dan għaliex dawn it-toqob huma maħsuba biss biex l-ilma tax-xita jkun jista' jitbattal, imma l-ilma maħmuġ hemm metodi ferm aħjar u aktar iġjeniċi biex teħles minnu.

Din l-użanza hija nieqsa minn kull ħjiel ta' edukazzjoni ċivili. Bħal donnu ninsew li fit-triq ta' taħt il-galleriji jgħaddu n-nies jew inkellha jista' jkun hemm xi ġnejna ħelwa bil-ward li bl-ilma maħmuġ u mimli kimika jinqerdu ħasrem b'dannu għal dik il-persuna li tkun ħadet il-paċenzja tkabbarhom bit-tama li ssebbaħ aktar l-ambjent tal-post li fih tgħixu.

Din hija traskuraġni li bħala Maltin nistgħu ngħaddu mingħajrha. Jekk ma nurux attenzjoni akbar billi nkunu prudenti u nifhmu l-bżonnijiet ta' xulxin aktar hemm il-biża' li l-marda tal-apatija tittieħed u l-isforzi tal-Gvern biex ikollna nħawi tad-djar aktar sbieħ u moderni jieħdu skoss lura.

**Għal darb'oħra nħossu li għandna nisħqu kontra d-drawwa misħuta tan-nisa Maltin li jkunu kburin bl-indafa biss mill-għatba 'l ġewwa. Barra huwa tagħna wkoll, tal-Maltin. L-ambjent — bil-mogħdijiet u s-siġar ħadrana — huma parti mill-ħajja tagħna u rridu nieħdu ħsiebhom. Hekk biss nistgħu nuru li aħna poplu ċivilizzat. Hekk biss nistgħu nuru li flus il-poplu qed jintefqu għal għan tajjeb . . . għax jekk nibqgħu nżommu dawk l-użanzi ta' l-irħula qodma u nħaddnu mentalità irresponsabbli ma jkun sar l-ebda progress.**

## L-ILMA nibżgħu għalih

**ĦIDMA TAL-GVERN**

# ĦAŻ-ŻMIEN — Dar għax-Xjuħ fl-Imtarfa



Dehra ġenerali ta' l-Isptar ta' l-Imtarfa bil-bandiera Maltija tperper fuq il-blokk prinċipali.

Dak li kien il-"Maternity Wing" ta' l-Isptar, issa ġie konvertit f'dar għax-xjuħ mill-aktar moderna bl-isem ta' Ħaż-Żmien.





L-inħawi tad-Dar Ħaż-Żmien huma mdawwrin b'ġonna u siġar u jgawdu waħda mill-isbaħ veduti ta' Malta.



Is-swali, li ġew immodernizzati, fihom 'Cable Radio' ma' kull sodda u 'Central Heating' ma kullimkien.



*Dak li ftit żmien ilu kien ir-"Royal Navy Maternity Wing" ta' l-Isptar ta' l-Imtarfa, issa ġie immodernizzat u konvertit f'dar għax-Xjuħ bil-ħtiġijiet kollha sabiex jagħmlu l-ħajja tagħhom kemm jista' jkun konfortabbli.*

L-iskop ta' din id-dar ser ikun illi jintgħażlu numru ta' pazjenti illi jkunu tajbin li joqogħdu fuq saqajhom u li jkollhom bżonn għajnuna medika mill-inqas.

*Din id-dar, li għal issa ser takkomoda 51 pazjent nisa u rġiel f'żewġ fergħat separati, waħda għall-irġiel u l-oħra għan-nisa, hija lokalizzata fuq l-għolja ta' l-Imtarfa f'ambjent naturali mill-isbaħ.*

Is-swali, li ġew modernizzati, huma mgħammra bil-"Cable Radio" ma' kull sodda, u bil-ħtieġijiet l-oħra neċessarji għall-kumdita' tal-pazjenti, inkluż is-"Central Heating" ma' kullimkien.

Ix-xogħol fuq dan il-proġett ta' modernizzar, li sar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt il-Perit Vincent Cassar, mgħejjun ukoll minn ħaddiema tad-Dipartiment tas-Saħħa u l-Ambjent, huwa lest; u dalwaqt il-Gvern ser jinawgura dan il-post ġdid u b'hekk jiżdied servizz ieħor ta' benefiċċju għax-xjuħ.

*B'hekk, il-Gvern, kif ħabbar dan l-aħħar it-Tabib Vincent Moran, Ministru tas-Saħħa u l-Ambjent, ser ikun wettaq pass ieħor 'l quddiem fl-interess ta' din is-sezzjoni tal-poplu li jistħoqqilha l-attenzjoni tagħna sabiex l-aħħar żmien tal-ħajja jgħaddi mingħajr tbatija, fil-paċi u s-sliem.*

# SPORT

## PREŻENTAZZJONI TA' ĊERTIFIKATI LIR-REFEREES ĠODDA



Il-Ministru Sant flimkien ma' Sir Stanley Rous u Mrs Breitenstein wara li ppreżentalhom rigal ta' l-okkażjoni. Fuq ix-xellug jidher ukoll is-Sur Joe Griffiths, Chairman tal-Kumitat Organizzattiv tal-Kompetizzjoni FOOTBALL GHAL KULHADD.

**Sir Stanley Rous, ex-Segretarju tal-FA Ingliża u ex-President tal-FIFA, il-Ħadd 2 ta' April ippreżenta ċertifikat lil 48 referee ġdid li kkwalifikaw mill-kors li l-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport kien organizza f'Jannar u Frar li għadda u li kien ġie inawgurat minn Rous innifsu waqt li kien f'Malta f'Diċembru.**

Waqt riċeviment f'Casa Leone, Santa Venera, li għalih kien preżenti l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, Sir Stanley ippreżenta wkoll ċertifikat lir-referees li attendew isseminar organizzat mill-Ministeru il-ġimgħa ta' qabel, u li għalih il-kelliema ewlenin kienu Rous innifsu u r-referee internazzjonali Ingliż, Jack Taylor. Għal dan is-seminar attendew kemm referees li kkwalifikaw mill-kors kif ukoll referees anzjani.

Jack Taylor, sfortunatament, ma setax ikun preżenti għar-riċeviment minħabba li kellu jħalli Malta aktar kmieni.

Il-Ministru Sant, wara l-preżentazzjoni, irringrazzja lil Sir Stanley Rous kif ukoll lil Jack Taylor talli għoġobhom jaċċettaw l-istedina tal-Ministeru biex jieħdu sehem fis-seminar. Il-Ministru rringrazzja wkoll lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex kemm il-kors kif ukoll is-seminar setgħu jirnexxu, b'mod speċjali lis-Sur Tony Briguglio u s-Sur Joe Cassar Naudi u s-Sur Paul Bonett.

Il-Ministru wera l-apprezzament tiegħu għall-għajnuna li ta Sir Stanley billi ppreżentalu rigal ta' l-okkażjoni. Il-Ministru ppreżenta rigal ukoll lil Mrs Breitenstein, segretarja ta' Rous.

**Sir Stanley ħa l-okkażjoni li jagħmel diskors, u warajh, is-Sur John F. Galea għamel diskors f'isem ir-referees ġodda u f'isem ir-referees anzjani li attendew is-seminar. Is-Sur Galea rringrazzja lill-Ministru Sant għax-xogħol li qed iwettaq għall-isports Malti, partikolarment fil-qasam tal-football u l-kontroll tal-logħba. Huwa rringrazzja wkoll lil Sir Stanley Rous u lil Jack Taylor, li taw kontribut siewi fis-seminar, u lil dawk li taw is-sehem tagħhom għas-suċċess tal-kors u tas-seminar.**

# Il-Ministru Sant f'Londra

Nhar it-Tnejn 3 ta' April il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant ħalla Malta biex imexxi Delegazzjoni Maltija għat-tieni konferenza għall-Ministri Ewropej responsabbli mill-Isports, li saret f'Londra dik il-ġimgħa stess. Id-delegazzjoni Maltija kienet tinkludi lis-Sur Tony Borg u lis-Sur Tony Ghio.

Il-konferenza saret f'Lancaster House, Londra u ġiet inawgurata mis-Sur Denis Howell, Ministru ta' l-Istat fid-Dipartiment ta' l-Ambjent fir-Renju Unit. Ministri minn pajjiżi membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa ħadu sehem fil-konferenza li ddiskutiet tlett suġġetti ewlenin; ir-responsabbiltà tal-Gvern lejn l-isports; l-iżvilupp ta' l-iskema Sports Għal Kulħadd mill-1975 'l hawn u l-problemi li jirrigwardjaw l-imġieba umana fl-isports.

Fil-konferenza, barra Malta ħadu sehem 18-il pajjiż Ewropew.

# Kors tal-Coaching fil-Ġermanja

Euchar A. Grech, li għal dawn l-aħħar erba' xhur kien qed jassisti lil Ray Cosby fit-taħriġ tal-players tal-football tal-Ministeru fil-Marsa, għadu kif ħalla Malta biex jibda kors ta' tmien xhur fiil-coaching f'Leipzig, il-Ġermanja tal-Lvant. Il-kors se jkun jikkonsisti f'taħriġ avvanzat fit-teknika u t-tattika tal-logħba tal-football.

Euchar Grech, li għandu 41 sena, beda l-karriera tiegħu bħala player tal-football fl-1952. Huwa lagħab fl-ewwel diviżjoni mat-timijiet ta' Birkirkara u Ħamrun Spartans mill-1956 sal-1966 u mbagħad ingħaqad mat-tim tas-Siġġiewi fejn baqa' magħhom sakemm irtira fl-1971 biex jibda karriera bħala coach.

**Huwa beda bħala coach ta' St Patrick's bejn l-1971 u l-1973. Is-sena ta' wara ngħaqad ma' Little Rainbows u mill-1974 sa l-1976 huwa kien coach tal-Floriana. Fl-1977 huwa ngħaqad bħala coach ma' Birkirkara filwaqt li minn Jannar sa April ta' din is-sena għen fit-taħriġ tat-timijiet tal-football tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport.**

Mill-1972 'il hawn, Grech kiseb ċertifikat tal-coaching kemm f'korsijiet organizzati minn coaches kwalifikati tal-FIFA kif ukoll minn coaches tal-FA Ingliża. Fl-1972 huwa attenda għal kors immexxi minn Harold Hassall; fl-1976 attenda għal kors minn Roy Small u fl-1977 attenda għal kors minn Dr Venglos. Dawn kienu kollha korsijiet taħt l-awspiċi tal-FIFA li saru f'Malta. F'Ottubru tal-1975 huwa attenda kors organizzat mill-NOC tal-Ġermanja tal-Punent, immexxi minn Mr O. Krautyun u fl-1975 mar ukoll l-Ingilterra biex jitħarreġ taħt Billy Bingham ta' Everton u Tony Book ta' Manchester City. Grech attenda wkoll għal kors immexxi minn T. Cruden tal-RAF.

Ta' min isemmi li Euchar Grech għandu wkol kwalifiki bħala coach fl-atletika, il-volleyball, il-basketball u l-badminton u attenda kors ġenerali bħala PE Instructor f'Cosford, l-Ingilterra.

F'dik li hija esperjenza internazzjonali, huwa mexxa lit-tim tal-Floriana bħala manager/coach f'logħba tat-Tazza taċ-Champions' Ewropej kontra Hajduk Split tal-Jugoslavia f'Ottubru 1975 u ħa sehem f'laqgħat internazzjonali ta' l-atletika fosthom il-kampjonati Ewropej 1962 fil-Jugoslavia, il-Logħob tal-Mediterran 1968 f'Tuneż u l-World Masters Championships 1977 f'Gotenburg, l-Isvezja. F'dawn il-laqgħat, huwa ġera l-100 u l-200 metru.

**Il-kors li se jattendi għalih Euchar Grech se jsir fid-Deutche Hochscule fur Korperkultur (DHFK) u ġie offrut mill-Gvern tar-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja lill-Gvern Malti fuq inizjattiva tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport.**

# Programm ta' Table-Tennis minn Timijiet Barranin

Tim tat-Table Tennis minn Bengħażi, il-Libja, dan l-aħħar kien hawn Malta fuq żjara ta' ġimgħa bħala mistieden tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport.

It-Tim ħa sehem f'"open tournament' organizzat f'TA' QALI mill-Malta Table Tenis Association bil-koperazzjoni tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport. Fl-istess tournament ħadu sehem ukoll players minn Wales u l-Irlanda flimkien ma' players Maltin.

Ta' min isemmi illi bl-eċċezzjoni tal-logħba kontra d-Drydocks il-logħob l-ieħor sar fil-Każin tal-Banda San Gejtanu li ġie armat għall-okkażjoni u ġie ġentilment misluf mill-Kumitat ta' din is-Soċjetà lill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport.

# Kultura . . . . . .

## KONKORS TA' DRAMMI MILL-M.A.D.C.



*Preżenti għal din l-okkażjoni, flimkien mal-Ministru Agatha Barbara, kien hemm iċ-Chairman tal-MADC, Mr John Joseph flimkien ma' Mrs Pat Dyckhoff, is-Sur George Abela u s-Sur David Grech bħala membri.*

**Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara nhar it-Tnejn 17 ta' April ippreżentat ċekk ta' £M100 lis-Sur Alfred Sant minn tas-Sliema bħala l-ewwel premju għall-konkors ta' drammi għall-palk li kien organizzat mill-Malta Amateur Dramatic Club (MADC) matul is-sena li għaddiet.**

Huwa maħsub li d-dramm rebbieħ tas-Sur Sant bl-isem ta' "Qabel Tiftaħ l-Inkjesta" jiġi maħdum aktar tard fil-ġejjieni għall-pubbliku mill-MADC stess. Fost xogħlijiet oħra rebbieħa ta' dan il-kittieb żagħżugħ insibu r-radjudramm "Meta tqum il-Prinċipessa", it-teledramm "Min hu Evelyn Costa?" u d-dramm għall-palk "Fid-Dell tal-Katidral".

**Bħala President Onorarju tal-MADC, il Ministru Barbara ferħet lis-Sur Alfred Sant għas-suċċess tiegħu kif ukoll lill-MADC li organizzat dan il-konkors għall-ewwel darba bil-għan li jkollna aktar kittieba tad-drammi ta' livell xieraq.**

Il-Ministru Barbara qalet li l-palk huwa mezz effettiv ta' edukazzjoni kulturali u għalhekk il-kittieba tagħna f'dan il-qasam għandhom jagħmlu minn kollox biex igħallmu lill-poplu japprezza dak li hu dinjituż għall-bniedem u jħallu barra s-superfiċjalità.

## ĠIMGĦA KULTURALI MARSA

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina A. Barbara fetħet wirja ta' xogħlijiet ta' l-Arti minn artisti mwielda jew joqgħodu l-Marsa kif ukoll wirja dwar Għaqdiet Kulturali fil-Marsa, fis-Sala Skola Sekondarja nhar is-Sibt 8 ta' April u b'hekk tat bidu għall-Ġimgħa Kulturali Marsa. Qabel il-ftuħ, fl-istess sala, kien hemm programm mużikali għall-okkażżjoni, minn mużiċisti tal-lokal.

Matul il-ġimgħa kollha fl-istess sala saru attivitajiet kulturali.

Il-ġimgħa għalqet bi programm speċjali fis-Sala Skola Sekondarja, nhar il-Ġimgħa 14 ta' April bl-isem "MILL-ĦAJJA MALTIJA".

# PREMJAZZJONI F'SANTA VENERA

F'diskors li għamel fl-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni fl-iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Venera, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni it-Tabib Philip Muscat qal li f'pajjiż żgħir bħal tagħna, li għadu qed jiżviluppa, jeħtieġ li nibnu fuq pedament sod — u dan irid jinbena billi niżviluppaw il-kapaċitajiet umani tan-nies tagħna skond il-bżonnijiet tal-pajjiż u l-prijorità li għandna skond il-mezzi limitati.

**Huwa minħabba f'hekk li l-Gvern qiegħed jagħmel emfasi kbira fuq il-korsijiet utilitarji billi jintroduċi r-riformi fl-Edukazzjoni Terzjarja.**

Il-Ministru kompla jgħid li wara li Gvern Soċjalista għadda liġijiet biex jgħolli l-livell ta' għixien tal-ħaddiema, speċjalment dawk ta' l-id, issa l-Gvern se jagħti l-ikbar rigal soċjali lil ulied il-ħaddiem, minkejja li tahom għall-ewwel darba ċ-Children's Allowance, li sa issa ftit kellhom ċans ikomplu l-istudju tagħhom mhux għax ma kienux kapaċi ntelletwalment, iżda aktar minħabba nuqqas ta' finanzi. Issa kull min hu kapaċi, avolja forsi nieqes mill-finanzi, se jkun jista' jitla' sa fuq nett għax ser isib min jagħtih il-paga anke matul is-snin ta' l-istudju tiegħu.

**Il-Ministru qal li l-Gvern jagħraf ukoll li l-kultura hija importanti u huwa għalhekk li qed kulma jmur iżid l-attivitajiet kulturali. Huwa mportanti wkoll li jkun hemm kooperazzjoni sħiħa bejn l-iskola u l-pubbliku ħalli jkomplu jikbru l-attivitajiet ta' wara l-ħin ta' l-iskola għax dan barra li jkabbar il-kultura, fl-istess ħin jagħmel l-iskola bħala ċ-ċentru tar-raħal. L-istudenti ma jibqgħux iħarsu lejn l-iskola bħala dak il-post fejn imorru biss għal-lezzjonijiet imma wkoll fejn wieħed ikun jista' jieħu d-divertiment kif ukoll ikabbar il-kultura tiegħu.**

Huwa appella lill-għalliema biex jużaw il-ħin limitat ta' l-iskola bil-għaqal u bl-akbar skruplu. Il-Gvern jistenna dan mill-għalliema, speċjalment meta wieħed iqis li l-Gvern Soċjalista għal tlett darbiet wera l-akbar rispett lejn l-għalliema meta l-ewwel żied numru kbir ta' għalliema ta' emerġenza biex dawn imbagħad kisbu post permanenti wara li ġew imħarrġa, imbagħad permezz tar-riorganizzazzjoni tahom responsabilitajiet ġodda bil-vantaġġi u r-rikompens li jġibu magħhom.

**Issa se ngħollu l-professjoni ta' l-għalliema għax għall-ewwel darba se nagħtu grad universitarju fl-edukazzjoni li jpoġġi lill-għalliema kollha f'livell tassew għoli. Fl-istess ħin permezz tas-sistema ta' Student/Ħaddiem, mhux biss se nagħtu lill-istudenti/għalliema ċ-ċans li jaqilgħu l-flus, iżda wkoll li jiksbu l-esperjenza u b'hekk ikunu jistgħu jindunaw minn kmieni jekk għandhomx xeħta ta' għalliema jew le. B'hekk ma jiġrix bħal qabel fejn kien ikun hemm numru ta' studenti/għalliema li meta ikunu waslu biex itemmu l-kors, u xi drabi anke wara li jtemmuh, jintebħu li din il-professjoni ma kienetx tgħodd għalihom.**

Huwa temm id-diskors tiegħu billi ħeġġeġ lill-ġenituri biex juru interess fl-istudju ta' wlidhom, kif ukoll jagħtu l-kooperazzjoni kollha ħalli l-iskola timxi 'l quddiem. Jekk ikun hemm kooperazzjoni bejn l-għalliema, il-ġenituri u l-istudenti żgur li l-edukazzjoni timxi 'l quddiem.

*Wara li qassam il-premjijiet, il-Ministru ġie mogħti rigal, kif ukoll ġie ppreżentat b'sett T Shirts biex jintuża mill-iskola għall-isports mis-Sur Abugela f'isem l-Ambaxxata Libjana.*



*DAWRA MAL-GŻEJJER*

Mill-Ktieb "Bliet u Rħula Maltin" — ta' Alfie Guillaumier

# IL-MELLIEĦA

L-ewwel tagħrif li ksibna tan-nies li għammru fl-inħawi tal-Mellieħa, kien fl-1840 fejn insibu li kien hemm joqgħodu 200 ruħ. B'danakollu, fl-1646 nafu li kien hemm 60 bejn djar u rziezet bla ma ssemmew kemm kienu joqogħdu fihom nies. Fl-1880 il-Mellieħa kienet tgħodd 1,600 ruħ. Fiċ-ċensiment ta' l-1961 il-Mellieħin kienu jgħoddu 4,448 ruħ.

Il-Mellieħa tħaddan magħha l-akbar xtajta ta' Malta li issa fis-sajf tkun mimlija bin-nies jithennew b'baħar kaħlani u ramli.

L-ewwel promontorju li nsibu hu dak ta' Selmun li jibda mir-Ramla tal-Pwales għad-daħla tal-Mellieħa. Dik li hi msejħa l-Għadira, tifforma l-akbar bajja li għandna wara l-port ta' Marsamxett. Fuq in-naħa l-oħra ta' l-Aħrax tal-Mellieħa, insibu bosta bajjiet u daħliet l-akbar fosthom iċ-Ċirkewwa, il-Marfa u l-Armier.

**Il-Marfa**

Il-Marfa hija l-akbar fost il-peniżoli ta' Malta. Hi l-aħħar art quddiem Kemmuna, imdawwra bil-baħar tal-Qammieħ u l-Fliegu. Il-peniżola taqbad ma' l-art il-kbira bl-istmu msemmi Tat-Torri l-Aħmar; li jagħti art b'dawra ta' mil kwadru; bil-baħar tal-Mellieħa mill-Lvant u b'dak ta' Rdum Xakka mill-punent. Rdum Xakka jew El Ghant, kif kienu jsibuh, hija art l-istmu, il-peniżola l-kbira li x-xjuħ tagħna kienu jsejħulha "Chersoneso" (Kelma Griega li tfisser Penizola) bir-ramla f'nofsha. Għaliex fi żmien il-Griegi, l-Marfa kienet magħrufa b'dan l-isem.

**Fortifikazzjonijiet**

Il-Mellieħa hi miżgħuda bil-fortifikazzjonijiet ta' madwar ix-xtut mibnija bejn is-sekli XVII u XVIII. Għalhekk dan ir-raħal għandu storja qadima. Ġrajjiet il-Mellieħa jieħdu lokhom fit-taqbid bla heda li għaddiet minnhom Malta matul is-sekli.

L-ewwel fortizzi li saru fuq din l-art għal ġol-Mellieħa, kienu t-Torri l-Aħrax, it-Torri Vetlem bit-trunċiera, u t-Torri Sant'Agata li kien bena Lascaris fl-1649 u għammru b'erba kanuni. Dawn il-fortizzi illum m'għadhomx jeżistu.

De Redin ħaseb biex jiffortifika lil Malta kollha bil-fortizzi — u speċjalment din in-naħa: it-Torri l-Aħmar, it-Torri ta' Għoslien, ir-Ridott ta' Lovier, ir-Ridott ta' Skalor u ta' Spada; u kif wkoll il-Batterija ta' Wied Musa, it-Torri Sgħajtar (magħruf bħala l-Palazz tal-Marfa) u t-Torri ta' Selmun. Lascaris għamel ir-Ridott ta' l-Armier u l-Prinċep De Vendosme għamel dak ta' Vendomu. Il-motto ta' dan ir-raħal pittoresk hu: Ex Sale et Melle Nomen Meum (mill-Melħ u mill-Għasel Ismi). I-arma hi: Fuq kamp fidda, strixxa ħamra angolari bi stilla deheb fuqha.

**Mellieħa**

Skond x'uħud, l-isem Mellieħa hu ġej mill-għadd ta' 'Għasel' li kien isir din in-naħa li bil-Grieg jissejjaħ 'Melea'. Oħrajn jieħdu l-isem fuq ix-xebħ li hemm bejn il-Melħ u Mellieħa u jsostnu li ġej mill-bosta melħ tas-Salini l-Qodma li kellha hemm l-Ordni.

*Il-Bajja ta' l-Għadira — issa fis-Sajf tkun mimlija bħal bajda bin-nies.*





*Il-Knisja tal-Vitorja — il-Mellieħa.*

**Selmun**

Fl-inħawi tal- Mellieħa insibu l-gżira ċkejkna ta' Selmun li fil-qedem kienet ta' familja Maltija ta' Salomone li kienet telqet lejn Sqallija. Fis-sena 1576 il-Gran Mastru La Cassiere kien irregalaha lil wieħed jismu Marku De Maria, bdot tax-xwieni — minħabba l-qlubija li dan kien wettaq. Wara ftit, Selmun ġiet taħt il-pussess ta' ċerta Nobbli Katarina Vitale, li żmien wara din kienet ħalliet ġidha kollu lill-Monti tar-Redenzjoni — għall-fidwa ta' l-ilsiera Maltin. Dawn il-fondi wara għaddew f'idejn il-Gvern.

**Il-Vitorja**

Fil-Mellieħa, San Pawl kien waqqaf l-ewwel kappella f'għar, fejn San Luqa pinġa mal-ħajt fuq il-blat ix-xbiha tal-Madonna. B'hekk seta' ngħata bidu għas-Santwarju tal-Vitorja.

Fi żmien, dan is-Santwarju kien jikkonsisti minn għar biss, li llum hu l-kappella ewlenija tal-knisja. Fi tmiem is-sena 1540 kien hemm madwar l-għar xi kitba miktuba bl-aħmar bil-grieg u kienet tfakkar il-konsagrazzjoni qadima. Iżda din kienet tħassret bi traskuraġni. L-isqof Alferan kien ikkonsagra l-għar mill-ġdid fl-1747.

L-għar imqaddes kien wieħed mill-għaxar parroċċi mwaqqfa fl-1436 mill-Isqof Senatore de Mello. Pero', minħabba l-attakki tat-Torok, fis-seklu XV dan is-santwarju ma baqgħax jissemma iktar bħala parroċċa u għalhekk ingħaqad mal-matriċi tan-Naxxar.

Fl-1844, l-Isqof Caruana reġa' waqqafha f'Parroċċa u l-Mellieħin ħasbu biex ikabbruha mmexxijin mill-Kappillan Dun Pawl Le Brun.

Hawn ta' min isemmi li x-xbiha mqaddsa fl-Għar ma kienitx meqjuma biss mill-Insara, iżda anki l-infidili nfushom kienu jibgħatulha xama' u żejt. Tant hu hekk li fl-Assedju ta' l-1565, it-Torok kienu kissru l-istatwi tal-qaddisin kollha li kienu fl-Għar, iżda ma għamlu l-ebda ħsara lix-xbiha tal-Madonna.

Il-Knisja tal-Vitorja li hemm illum bdiet tiela fl-1883 fuq pjanta ta' l-Arkitett Ċensu Sammut u tkompliet mill-Arkitett Gio. Marija Camilleri.

Il-knisja li tlestiet fl-1897 hi mibnija fuq stil kompost u hi f'forma ta' salib Latin.

**Il-Mellieħa u l-Għar Calypso**

Taħt il-knisja sewwa hemm għar li jgħidulu l-"Għar tal-Madonna" li fih hemm nixxiegħa ta' ilma u li fih tqiegħdet statwa tal-Madonna. Fuq in-naħa l-oħra tal-wied, bejn il-knisja tal-Mellieħa u serbut blat għoli aħrax, hemm bosta għerien ħafna minnhom naturali.

'L hemm mill-Lvant tal-knisja jinsab is-suppost Għar ta' Calypso, imsemmi bosta fl-Odyssey ta' Omeru. B'danakollu ma rridux inwaqqgħu t-tradizzjoni qawwija li Għawdex hija t-tassew gżira ta' Calypso.

**Fdalijiet Qodma**

Fl-inħawi tal-Mellieħa nstabu diversi fdalijiet qodma, bħal ma huma għadam fl-għerien, bebbux bikri, u fdal ta' fuħħar f'qiegħ il-baħar, u kif ukoll fdal ta' bini megalitiku.

**Il-Mellieħa Llum**

Il-Mellieħa llum hu villaġġ mill-aktar pittoresk. Minħabba f'dan, hu ferm imfittex bħala post kemm ta' residenza u kif ukoll ta' villeġġatura; speċjalment mit-turisti li fih isibu l-amenitajiet kollha li huma jixtiequ.



*In-niżla mill-Mellieħa lejn l-Għadira toffri waħda mill-isbaħ veduti ta' Malta.*



Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern